MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 34/2004

**SMS Insurance Agency Limited (C5645) ghan-nom ta' Ecclesiastical Office plc kif surrogata fil-jeddijiet ta' Pierre Nani**

**Vs**

**Godfrey Gauci Maistre**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u wiehed u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm331.20c) rapprezentanti danni rizultanti minn kollizjoni li sehhet fil-11 ta' Frar, 2002 f'Tas-Sliema bejn il-vettura JAD 145 misjuqa mill-konvenut u l-vettura NAN 103 li hija assigurata mas-socjeta' attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut li eccepixxa li mhux qed jikkontesta r-responsabbilta' ghall-incident izda jsostni illi l-vettura NAN 103 ma garrbet l-ebda hsarat.

Sema’ x-xhieda ta’ Mark Axiaq, Suzanne Nani, John Borg Bellanti u Dr Godfrey Gauci Maistre.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukat Dr Christopher Vella ghas-socjeta’ attrici u Dr Louis Bianchi ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-vertenza f’din il-kawza tirrigwarda biss il-*quantum* tad-danni billi m’hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta’.

Mill-provi jirrizulta illi l-kollizjoni sehhet fil-11 ta’ Frar, 2002. Suzanne Nani li kienet qieghda ssuq il-vettura in kwistjoni ma jirrizultax li ghamlet *claim* ma’ l-assigurazzjoni taghha qabel it-13 ta’ Jannar, 2003. Hija tghid li verbalment kienet ghamlet *claim* izda fil-*file* ta’ l-assigurazzjoni dan ma rrizultax. Hija xehdet illi kellha kollizjoni ohra fi Frar 2003 u effettivament it-Tribunal jinnota illi t-tiswijiet mertu ta’ din il-kawza saru fis-7 ta’ Frar, 2003 (Vide Dok. MA11). L-attrici tghid li kellha hsarat rizultat tal-kollizjoni mertu tal-kawza fil-*bumper*, fil-*body* u l-*horn* u anki kellha hsarat fuq gewwa. Id-dokument MA11 ikkombaccat mad-dokument MA7 (*survey report*) jindika rapport f’*bumper*, fil-*front lining*, *bonnet*, *front panel* u fil-*front number plate* u *frame*.

Id-dokument MA11 jindika *panel beating* ta’ mitt lira Maltin (Lm100), *spray painting* mija w erbghin lira Maltin (Lm140) u *bumper repair* erbghin lira Maltin (Lm40) plus VAT.

Il-konvenut xehed illi wara l-incident ma kien hemm ebda evidenza ta’ hsara fil-vettura ta’ Suzanne Nani hlief li kien deher xaqq zghir (hair-line crack) fil-bumper ta’ quddiem u l-istess Dr Gauci Maistre nnota li kien hemm evidenza ta’ tajn pero’ dak il-hin qaghad kwiet u ma qal xejn.

Fir-ritratti esebiti jidher li fil-fatt kien hemm xaqq fil-bumper izda dan baqa’ jiftah tant illi fir-ritratt jidher ferm evidenti.

Tenut kont il-kontrast bejn ix-xhieda ta’ Nani u x-xhieda tal-konvenut u tal-fatt li s-survey sar sena wara l-kollizjoni,

t-Tribunal ma jistax jaccetta li l-atturi gabu provi sufficjenti li jhallu fih dak il-konvinciment morali li d-danni kollha pretizi mill-attur huma attribwibbli ghall-kollizjoni mal-konvenut.

Illi ghalhekk it-Tribunal ikollu jistrieh fuq dak li gie nnotat mis-Surgent li nvestiga l-incident. Dan ir-rapport jikkostitwixxi prova *juris tantum* u l-provi prodotti m'humiex sodisfacenti biex jiskossaw din il-prova.

Is-Surgent innota li l-vettura ta' Nani kellha hsara biss fuq il-*front bumper* u ghalhekk jidhirlu illi l-unika danni li gew pruvati li huma relattivi ghall-kollizjoni mertu tal-kawza huma proprju dawn fil-*front bumper*.

Mid-dokumenti esebiti mill-istess atturi jirrizulta illi biex jissewwa din il-*front bumper* intnefqet spiza ta' erbghin lira Maltin (Lm40) plus VAT (dak iz-zmien bil-15%) li flimkien igibu total ta' sitta w erbghin lira Maltin (Lm46). Il-konvenut isostni illi qabel din il-kawza huwa offra li jhallas ghal dan il-*bumper* izda din l-offerta saret minghajr pregudizzju u ma jirrizultax li saret xi Cedola ta' Depozitu u ghalhekk din id-dikjarazzjoni ma timpingix fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillikwida d-danni rizultanti mill-incident in kwistjoni li sehhew fuq il-vettura assigurata mas-socjeta' attrici fil-vettura NAN 103 fl-ammont ta' sitta w erbghin lira Maltin (Lm46) u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta w erbghin lira Maltin (Lm46). L-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. L-ispejjez tal-kawza jkunu ta' $^{1}/_{7}$ ghall-konvenut u $^{6}/_{7}$ ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------